MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 1301/1995/2

**Ġużeppi BORĠ u b'degriet tal-10 ta' Novembru, 1997, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria Amalia Magri konsegwenti l-mewt ta' Ġużeppi Borġ**

**vs**

**Emanuel AZZOPARDI**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 1995, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-imħarrek iħallsu s-somma ta' Lm 2548 li hija l-bilanċ minn somma akbar li l-imħarrek kien stqarr li għandu jagħti f'kitba li saret f'Ġunju tal-1994;

Rat li l-imħarrek laqa' għat-talba tal-attur billi qal li l-attur ma kellux jieħu s-somma msemmija, għaliex l-istess imħarrek għandu jieħu mingħand l-attur talli dar bih;

Rat il-kontro-talba mressqa fis-6 ta' Novembru, 1995, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-imħarrek talab li l-Qorti tiddikjara li huwa dar bl-attur, li tillikwida l-ħlas tal-kumpens li jistħoqqlu jingħata minħabba f'hekk, u li tikkundanna lill-attur biex iħallas dak il-kumpens;

Rat li b'Nota mressqa fil-25 ta' Marzu, 1996, l-attur laqa' għall-kontro-talba billi eċċepixxa, preliminarjament, li l-kontro-talba ma kinitx tiswa u li, f'kull każ, kull servizz mogħti kien preskritt bl-għeluq tal-ħames snin, u, fil-mertu, li l-imħarrek kien diġa' tħallas tas-serviġi li seta' wettaq;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 1996[1], li fih l-attur irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu għall-kontro-talba tal-imħarrek;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet, kemm quddiem il-Qorti u kif ukoll bil-meżż tal-affidavit;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-20 ta' Jannar, 2004, tas-7 ta' Mejju, 2004, tat-8 ta' Lulju, 2004, tat-18 ta' Novembru, 2004, tal-10 ta' Marzu, 2005, tal-14 ta' April, 2005, u tal-5 ta' Mejju, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-azzjoni hija għall-ħlas lura ta' somma flus meħuda mill-imħarrek bla jedd. Kontra dik l-azzjoni, l-imħarrek ressaq talba għall-ħlas lilu għal serviġi mwettqa minnu mal-attur. Min-naħa tiegħu, l-attur ċaħad il-pretensjonijiet rikonvenzjonali tal-imħarrek billi qal li kien ħallsu kemm

---

[1] Paġ. 36 tal-proċess

kien jistħoqqlu u, fuq kollox, billi l-azzjoni rikonvenzjonali kienet waqgħet billi laħaq għadda ż-żmien ta' ħames snin li fiha setgħet issir;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fit-23 ta' Ġunju, 1994[2], l-imħarrek iddikjara f'kitba li huwa kellu jagħti lill-attur is-somma ta' Lm 6548. Dak inhar ħallas elfejn lira minnhom, u ntrabat li jħallas elfejn lira oħrajn sa żmien sitt (6) xhur u l-bqija jħallashom sa għeluq sena minn dak inhar li saret il-kitba. L-attur kien ħatar lill-imħarrek bħala prokuratur tiegħu. L-attur kien għażeb. Hu u l-imħarrek ma kinux jiġu minn xulxin. B'testment pubbliku magħmul fl-4 ta' Lulju, 1994[3], l-attur ħassar kull testment li kien għamel qabel u ħatar lil waħda Maria Amalia Magri (l-attriċi li assumiet l-atti tal-kawża wara mewtu) b'werrieta universali tiegħu. Il-mandat li kellu l-imħarrek tneħħa meta l-attur ħatar lil din Magri minfloku. Il-kawża nfetħet f'Settembru tal-1995. L-attur miet fit-2 ta' Ottubru, 1997[4], matul iż-żmien li l-kawża kienet għadha qegħda tinstama';

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-fatti riżultanti għandu jidher ċar li l-imħarrek ma qiegħed iressaq l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub mill-attur. Dan il-fatt, minbarra li jirriżulta mill-kitba nnifisha u li ma ġiet bl-ebda mod imxejna, joħroġ ukoll mix-xhieda tal-imħarrek innifsu[5]. Minbarra hekk, fl-affidavit tiegħu[6] huwa jgħid li ipprova jissellef is-somma li kien għad fadallu jagħti lill-attur mingħand terzi u dawn ma laqgħux it-talba tiegħu. Dan il-fatt juri li l-imħarrek baqa' jemmen li huwa debitur u wkoll li, mis-somma kollha li kien iddikjara li għandu jagħti, kien għad fadallu jħallas sewwsew dik is-somma mitluba fl-att taċ-Ċitazzjoni;

Illi għalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-azzjoni attriċi hija msejsa sewwa fil-fatt u l-liġi u t-talba attriċi tirriżulta mistħoqqa;

---

[2] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[3] Dok f'paġ. 55 tal-proċess
[4] Dok f'paġ. 54 tal-proċess
[5] Xhieda tal-imħarrek fil-kontro-eżami 19.5.1997, f'paġ. 45 tal-proċess
[6] Paġ. 43 tal-proċess

Illi dwar il-pretensjoni tal-imħarrek għall-kumpens jew ħlas ta’ servizzi mogħtija jeħtieġ li l-kwestjoni titqies b’reqqa akbar. Huwa stabilit li l-bażi ta’ azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta’ dak li jagħmel[7]. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta’ serviġi jista’ jkun dovut mhux biss *jure actionis*, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll *officio judicis*, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu[8] jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b’lura dritt ta’ fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu[9];

Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m’hijiex ta’ xkiel għal sejbien ta’ responsabblita’ għall-ħlas ta’ serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x’kienet tassew il-fehma kemm ta’ min ta s-servizz u, wisq aktar, ta’ min tahom[10];

Illi, fuq kollox, il-fatt li ma hemm l-ebda rabta ta’ qrubija bejn min jagħti u min jirċievi s-servizzi, jista’ u ġeneralment ifisser li tali servizzi saru bit-tama tal-ħlas jew kumpens xieraq. Il-fatt li min ta s-servizzi kellu fi ħsiebu xi għamla ta’ għarfien ieħor minbarra ħlas dirett (bħal, per eżempju, it-tama li jitħalla bħala werriet jew legatarju jew benefiċjarju b’xi titolu li jkun mill-wirt tal-persuna mgħejjuna) huwa element indikattiv tal-fehma tan-non-gratuwita’ tas-servizz mogħti, ukoll jekk dik it-tama jew wegħda li tkun saritlu tisfuma fix-xejn għal raġuni li l-persuna li serviet ma jkollhiex kontroll fuqha[11]. F’dan il-każ jirriżulta li l-attur u l-imħarrek ma kinux jiġu minn xulxin. L-imħarrek jgħid ukoll li l-attur kien għamel

[7] Ara, per eżempju, P.A. CS **11.7.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Cassar vs Lawrence Seychell*** (Mhix pubblikata)
[8] P.A. **3.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Briffa noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.664**)
[9] P.A. **6.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Deidun vs Poggi et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.568**)
[10] P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil***
[11] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Borġ vs Carmen Gaffiero et***

testment li fih ħallih werriet, iżda baqgħet ma tressqet qatt prova ta' dak li jallega l-attur;

Illi, biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw gratuwitament, jeħtieġ li min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin u konvinċenti biżżejjed biex iwaqqagħha. Fil-każ preżenti, l-attur ma qalx li l-imħarrek dar bih bla ħsieb jew tama ta' ħlas, imma qal li ta' dak il-qadi kien iħallsu mill-ewwel u b'mod regolari;

Illi jekk min irċieva s-servizzi kien għaraf dan il-fatt f'xi att pubbliku, ma jistax iqanqal il-preskrizzjoni tal-pretensjoni għall-ħlas magħmula minn min ikun ta s-servizzi. Sakemm dak l-att ma jitħassarx b'ieħor, iż-żmien tal-preskrizzjoni jkun wieqaf. B'mod partikolari, jekk f'testment jitħalla legat ta' ħlas lil xi ħadd għal servizzi mogħtija lit-testatur, dak il-legat għandu s-saħħa ta' dikjarazzjoni affermattiva ta' stqarrija ta' kumpens[12]. L-għarfien mhux bilfors iseħħ jekk ikun hemm kitba f'dan is-sens, iżda jista' jsir bil-fomm, għalkemm il-prova ta' dan trid tkun aktar qawwija u ċara minn sempliċi riferenza għal xi diskors ġeneriku jew impliċitu;

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrek jgħid li dam idur bl-attur mal-ħmistax-il (15) sena. Fisser ukoll li dan il-qadi kien jikkonsisti fi żjajjar fid-dar tax-xjuħ fejn l-attur kien rikoverat, f'xiri ta'dak li l-attur ikun jeħtieġ, ħasil ta' ħwejjeġ u fi ħruġ regolari kull tmiem il-ġimgħa[13]. Xhud barrani jikkorrobora dan il-qadi[14]. Għal dan l-impenn, l-imħarrek daħħal ukoll lil martu, li stqarret li "aħna qgħadna għal dak li dħalna għalih"[15]. L-imħarrek jiċħad is-suġġeriment li sarlu li huwa kien jitħallas regolarment, u jaċċetta biss li kulma ngħata matul iż-żmien kollu li kien idur bl-attur kien sett tat-*television*. Dwar dan hekk ukoll xehdet mart l-imħarrek[16]. Kontra din il-qagħda, fl-atti jirriżulta li l-attur rikonvenzjonat iddikjara b'ġurament[17] li hu kien iħallas lill-imħarrek b'mod regolari u f'okkażjonijiet differenti;

---

[12] P.A. DS **2.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Coleiro vs Francesca Saveria Balzan et***
[13] Xhieda tal-imħarrek 19.5.1997 u 16.2.1998, f'paġġ. 48 u 60-3 tal-proċess
[14] Affidavit ta' Disma Xerri 16.3.2001, f'paġġ. 203-4 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Martha Azzopardi 27.3.1998, f'paġ. 76 tal-proċess
[16] *Ibid.,* f'paġġ. 82-3 tal-proċess
[17] Affidavit tal-attur 8.11.1995, f'paġ. 110 tal-proċess

Illi wieħed m'għandux iwarrab minn quddiem għajnejh li, f'biċċa sewwa miż-żmien li l-imħarrek kien qiegħed jagħmel dan ix-xogħol mal-attur, huwa kien mandatarju tiegħu. Il-liġi tagħna[18] trid li, safejn ma jkunx hemm ftehim mod ieħor, il-mandat hu bla ħlas. Minbarra dan, meta jingħata bi kliem ġenerali, dan ikun jgħodd biss għal atti ta' amministrazzjoni[19]. Fil-każ preżenti, jirriżulta li l-imħarrek uża flejjes li kienu jagħmlu parti minn żewġ kontijiet bankarji f'isem l-attur. Dan seħħ f'seba' (7) okkażjonijiet differenti bejn Ġunju u Diċembru tal-1993[20]. Is-somma sħiħa ta' dawn l-iżbanki taqbel preċiż mal-ammont imsemmi fil-kitba ta' Ġunju tal-1994. Jirriżulta li dan għamlu bis-saħħa tal-prokura li kien ingħata mill-attur, u jinsisti li lill-attur kien qallu minn qabel li kien sejjer jiġbed dik is-somma. Anzi, l-imħarrek itenni li kien l-attur innifsu li qallu biex jiġbed dawk il-flus. Hu jgħid li dan għamlu għall-benefiċċju tal-attur innifsu, sabiex jixtri karozza ħalli biha jkun jista' joħroġ lill-attur[21];

Illi l-għaref avukat tal-attur ressaq l-argument li l-fatt li l-imħarrek, fil-kitba tal-kostituzzjoni ta' debitu, aċċetta li huwa debitur tal-attur, hija prova qawwija li allura mhux minnu li kien għadu wkoll iqis lilu nnifsu bħala kreditur tal-attur għall-ħlas tas-serviġi. Minbarra dan, fil-kitba ma saret l-ebda riżerva għal xi pretensjonijiet li mod ieħor id-debitur dikjarat seta' kellu kontra l-attur. Fuq kollox, jirreferi għax-xhieda tal-attur – fis-sens li kien iħallas lill-imħarrek regolarment – li l-imħarrek bl-ebda mod ma miera. Dan huwa argument sod li jitfa' fuq l-imħarrek piż mhux ħafif biex iwarrbu. Ir-raġunijiet li l-imħarrek jagħti għal dan il-fatt huma li (a) fl-ewwel lok kien aċċetta li jiddikjara li għandu jrodd lura l-flus lill-attur, għaliex kien jaf li sejrin jerġgħu jiġu lura għandu[22], (b) għaliex kien ingħata x'jifhem li l-attur kien ser iħallih werriet[23], u (ċ) għaliex kellu riżerva li jekk l-attur ikeċċih (minn prokuratur tiegħu) allura jippretendi l-ħlas għas-serviġi[24];

[18] Art. 1861 tal-Kap 16
[19] Art. 1863(1) tal-Kap 16
[20] Xhieda ta' Louis Borġ 9.2.2000 u 6.10.2000, f'paġġ. 126, 131 u 186 tal-proċess
[21] Xhieda tal-imħarrek 19.5.1997, f'paġ. 49 tal-proċess
[22] Xhieda tal-imħarrek 16.2.1998, f'paġ. 65 tal-proċess
[23] *Ibid.* f'paġ. 61 tal-proċess
[24] *Ibid.* f'paġ. 67 tal-proċess

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru u l-provi li jirriżultaw, il-Qorti ma hix soddisfatta wisq bir-raġunijiet mogħtija mill-imħarrek. Tqis li hu kien jaf li, meta kien beda jdur bl-attur, kien hemm prokuratur ieħor – wieħed Salvu Mallia[25] – li kien iwettaq xogħol u qadi għall-attur. Stqarr li kien jgħin lill-attur għax "kont nirrispettah"[26] u li x-xogħol kien jagħmlu "*gratis*". Fit-tielet lok, meta saret il-kitba li fiha huwa iddikjara li kellu jagħti lill-attur, kien diġa' ġie mwaqqaf milli jkompli jmur iżuru u jibqa' jdur bih. Fi kliem ieħor, il-Qorti hija tal-fehma li, dak inhar li ntrabat li jrodd lura l-flus, l-imħarrek ma kien għadu jippretendi xejn aktar mingħand l-attur u li, fil-fatt, għax-xogħol u għajnuna li kien tah, l-attur kien ħallsu;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, ma jidhirx li l-Qorti jeħtiġilha li tqis l-eċċezzjoni tal-attur dwar jekk it-talba rikonvenzjonali waqgħetx bil-preskrizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba attriċi,** u dan fid-dawl tal-fatt li l-kawża ma baqgħetx tinstama' bil-proċedura tal-giljottina;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn ħames mija u tmienja u erbgħin lira Maltin (Lm 2548);

**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** tal-imħarrek billi ma jirriżultawx misħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma msemmija b'effett mill-14 ta' Lulju, 1995, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

[25] Maħtur prokuratur tal-attur f'Ottubru tal-1982, Dokti f'paġġ. 170-1 tal-proċess
[26] *Ibid.* f'paġ. 69 tal-proċess

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------